DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 230/2020

tal-11 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2032]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 [1] kienet inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 112/2020 tal-14 ta' Lulju 2020.

(2) Iċ-ċifri għall-Iżlanda skont l-Artikoli 9 u 9a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410, jeħtieġ li jiġu emendati.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt 21al (id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-adattament (i), il-linja li tikkonċerna l-Iżlanda tinbidel b'dan li ġej:

"L-Iżlanda: 1 774 646 tunnellati ta' CO_2 ekwivalenti."

2. Fl-addatament (u):

(i) fil-PARTI A, it-tabella li tikkonċerna l-Iżlanda taħt l-intestatura '1. Iċ-ċifri tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 9' tinbidel bit-tabella li ġejja:

"

Sena	Ammont ta' kwoti
2013	22 685
2014	22 268
2015	21 852
2016	21 435
2017	21 019
2018	20 602
2019	20 186
2020	19 769

"

[1] ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3.

(ii) fil-PARTI A, it-tabella li tikkonċerna l-Iżlanda taħt l-intestatura '3. Iċ-ċifri tal-Istati tal-EFTA skont l-Artikolu 9a(2)' tinbidel bit-tabella li ġejja:

"

Sena	Ammont ta' kwoti
2013	1 682 010
2014	1 651 131
2015	1 620 252
2016	1 589 373
2017	1 558 494
2018	1 527 616
2019	1 496 737
2020	1 465 858

"

(iii) fil-PARTI B, il-kolonna li tikkonċerna l-Iżlanda tinbidel bil-kolonna li ġejja:

"

CAP 2021-2030	**L-Iżlanda**
2021	1 432 642
2022	1 393 440
2023	1 354 238
2024	1 315 037
2025	1 275 835
2026	1 236 633
2027	1 197 432
2028	1 158 230
2029	1 119 029
2030	1 079 827

"

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2020, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 112/2020 tal-14 ta' Lulju 2020 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([2]) ĠU L 172, 6.7.2023, p. 33.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Sabine MONAUNI